**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum, it-2 ta' Ottubru 2020**

**Rikors Numru : 327/2018 JPG**

**Kawza Numru : 21**

**AMC**

**Vs**

**AC**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' AMC, datat 22 ta' Gunju 2020, a fol 1 li jaqra hekk:

*Illi l-kawza fl-ismijiet fuq premessi tirrigwarda s-Separazzjoni Personali bejn il-partijiet;*

*Illi minkejja illi l-partijiet bdew il-proceduri odjerni matul is-sena 2018, effettivament, iz-zwieg taghhom kien ilu ghaddej minn diffikultajiet ghal diversi snin minn ferm qabel inbdew il-proceduri legali;*

*Illi ghalhekk sa mis-sena 2015, il-partijiet ilhom jaqsmu l-ispejjes komuni relatati mal-djun tal-bank, b'mod ugwali bejniethom;*

*Illi tul dawn is-snin kollha, il-partijiet kellhom kontijiet bankarji separati u b'hekk, il-partijiet m'ghandhom l-ebda arrangement finanzjarju konguntament bejniethom;*

*Illi tul is-separazzjoni de facto, l-esponenti marret tirrisjedi mal-minuri fil-fond tal-partijiet li jinsab San Giljan filwaqt li l-intimat irritorna fid-dar matrimonjali, li wkoll hija proprjeta' tal-partijiet u li tinsab fin-Naxxar;*

*Illi l-esponenti ghamlet diversi tentattivi sabiex il-partijiet jaslu fi ftehim bonarju dwar l-aspetti kollha tas-separazzjoni, izda l-intimat dejjem irrifjuta li jaghmel dan, inkluz wara li kien gie awtorizzat abbozz ta' separazzjoni personali u baqa jressaq kontro-proposti irragonevoli senjatament sabiex itawwal il-proceduri ta' separazzjoni ta' bejniethom;*

*Illi fic-cirkostanzi l-esponenti tinsab rinfaccjata b'sitwazzjoni fejn, minhabba l-agir irresponsabbli ta' zewgha, hija ma tista' taghmel xejn sabiex hija tkun tista' tkompli b'hajjitha tul dawn il-proceduri u qieghda ssoffri inutilment;*

*Illi ghalhekk, minghajr pregudizzju ghat-talbiet taghha kif kontenuti fir-Rikors Guramentat fl-ismijiet fuq premessi, l-esponenti qieghda titlob illi tigi terminata l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, b'effett immedjat u dan ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kodici Civili. Effettivament, din it-terminazzjoniu immedjata tkun konferma tal-modus vivendi tal-partijiet kif minnhom adoperat ghal snin twal, u ghalhekk hadd mill-partijiet ma ser ikun qieghed ibati pregudizzju, filwaqt illi jkun lilhom hekk permess illi jaghmlu l-atti kollha tal-hajja civili minghajr il-kunsens ta xulxin;*

*Illi inoltre, l-esponenti ma tistax teskludi illi l-intimat zewgha qieghed jikkuntratta djun ma' terzi minghajr il-kunses taghha u/jew jinkorri xi penali in konnessjoni ma' kontravvenzjonijiet u/jew relazzjonijiet kuntrattwali u/jew akwiljni ohrajn ad insaputa ta' l-esponenti, liema djun l-esponenti tista tigi kostretta illi taghmel tajjeb ghalihom permezz ta' fondi illi hija tippercepixxi unikament bil-hidma taghha in vista tal-komunjoni ta' l-akkwisti sal-lum vigenti bejn il-partijiet;*

*Fic-cirkostanzi ghalhekk, filwaqt illi tissottometti illi l-eventwali provvediment ta' dina l-Onorabbli Qorti illi jiddikjara terminata b'effett immedjat il-Komunjoni ta'*

*l-Akkwisti bejn il-partijiet, mhux ser ikun ta' pregudizzju ghall-intimat, l-esponenti hija kostretta illi tirrikorri ghall-protezzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti billi titlob l-imsemmija terminazzjoni immedjatament;*

*Ghaldaqstant, l-esponenti titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghogbha:-*

*a) Tordna l-waqfien tal-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet b'mod immedjat u fil-pendenza tal-proceduri ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet, u dan ai termini ta' l-Artikolu 55 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*b) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex entro t-terminu ffissat minn dina l-Onorabbli Qorti ghal dan il-ghan, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-pronunzja tal-waqfien tal-komunjoni ta' l-Akkwsiti bejn il-partijiet ai termini ta' l-Artikolu 55(5) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta."*

Rat li l-atti tar-rikors, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' AC, datata 3 ta' Lulju 2020, a fol 7, li taqra hekk:

1. *Illi l-esponenti ma jaqbel xejn ma dak kollu premess fir-rikors tal-attrici u ma jistax jifhem kif mara illi prezentement qeghda tghix ma ragel iehor fil-propjeta komuni tal-kontendenti u flimkien mat-tfal taz-zwieg tista' possibilment tallega illi "hija ma tista taghmel xejn sabiex hija tkun tista' tkompli b'hajjitha tul dawn il-proceduri u qieghda ssofri inutilment";*

2. *Illi l-allegazzjoni dwar r-rufjut tal-esponenti illi "baqa jressaq kontro-proposti irragonevoli senjatament sabiex itawwal il-proceduri ta' separazzjoni ta' bejniethom" ma kinux ikunu f'lokhom f'proceduri gudizzjarji ukoll kieku kienu materjalment veri, illi mhumiex;*

3. *Illi ma dana kollu t-talba per se mhijiex opposta u b'dana kollu allura l-esponenti m'ghandu ibati ebda spejjes tal-istess.*

*Ghaldaqstant l-esponenti umilment jinforma lill dina l-Onorabbli Qorti illi m'hemm*

*ebda oggezzjoni illi tintlaqa' t-talba tal-attrici, salv illi l-esponenti ma jbati ebda spejjes tal-istess.*

Rat l-atti u d-dokumenti esebit kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

Illi din hija sentenza wara talba maghmula mill-attrici fit-22 ta' Gunju 2020 sabiex jigi ordnat il-waqfien tal-komujoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u dan ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kodici Civili.

Illi l-partijiet tramite l-avukati difensuri taghhom iddikjaraw fil-verbal tas-seduta tad-9 ta' Lulju 2020 (fol. 8) illi qieghdin jaqblu li m'humiex ser isofru pregudizzju sproporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti.

Skont is-subinciz (2) tal-istess artikolu, l-ordni tal-waqfien tal-komunjoni ghandha tinghata b'sentenza u skont is-subinciz (3) l-ordni tal-waqfien tkun tghodd minn meta s-sentenza tghaddi in gudikat.

Is-sub-inciz (4) tal-istess Artikolu jipprovdi pero s-segwenti:

***"Qabel tordna il-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-Qorti ghandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati pregudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda".***

Skont s-sub-inciz (6) tal-istess artikolu, meta l-Qorti fid-diskrezzjoni taghha, ma tkunx ordnat il-waqfien tal-komunjoni fil-bidu tal-kawza tal-firda, dan ghandha taghmlu mill-jum li s-sentenza tal-firda tkun finali u konklussiva.

Skond l-**Artikolu 1320 tal-Kap. 16,** fil-komunjoni tal-akkwisti jidhol dak kollu li z-zewg partijiet mizzewwga jakkwistaw bix-xoghol jew bil-hidma taghhom, kif ukoll, il-frottijiet tal-beni tal-partijiet mizzewga, sub-inciz (b) u kull beni jew akkwisti bi flus jew hwejjeg ohra li jkunu gejjin mill-akkwisti, ukoll jekk l-akkwist ta' dawk il-beni jkun sar f'isem parti wahda mill-mizzewgin.

Fil-kawza fl-ismijiet "**Desiree Lowell sive Desiree Lowell Borg vs Michael Lowell**" [Citaz 139/12RGM] deciza mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Ottubru 2015 li kkonfermat is-sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) ntqal:

> ***"…..il-Qorti tosserva li l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ma jista' jkun ta' ebda pregudizzju ghas-sehem tal-attrici mill-assi li talvolta din tiskopri wara li twafqet il-komunjoni, ghax il-waqfien tal-komunjoni jirreferi ghal futur u mhux ghal dawk l-assi li diga' dahlu u qeghedin fil-komunjoni anke jekk ad insaputa tal-attrici".***

Fil-kawza fl-ismijiet "**Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi**" deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Marzu 2015, il-Qorti rriteniet li, l-parti li kienet qed topponi l-waqfien tal-komunjoni mhux talli ma kienitx ser issofri pregudizzju sproporzjonat, ghall-kuntrarju, il-Qorti rriteniet li l-waqfien tal-komunjoni kien ser ikun ta' beneficcju ghaz-zewg partijiet:-

> ***"In tema legali jinghad illi l-Artikolu 55 tal-Kap. 16 li fuqha hija bbazata t-talba attrici, jaghti l-fakolta' lil parti jew ohra li "f'kull zmien, matul is-smiegh tal-kawza ta' firda titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni tar-residwu taht amministrazzjoni separata li tkun tezisti bejn il-konjugi…………t-talba ghall-waqfien m'ghandiex tinghata jekk parti tkun ser issofri "pregudizzju mhux proporzjonat" . Inoltre, l-oneru tal-prova ta' dan ir-rekwizit jirrisjedi fuq min qed jallegah, skont il-principju incumbit ei qui dicit non ei qui negat."***

Il-Qorti tal-Appell ikkonfermat decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Familja fejn qieset li l-intimat ma kienx ser isofri pregudizzju sproporzjonat bit-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti fil-mori tal-kawza. Ghall-kuntrarju, gie kkonsidrat mill-Qorti tal-Appell li t-terminazzjoni tal-komunjoni kien ser igib beneficcju inkwantu jevita li xi parti jew ohra taghmel xi dejn li, 'l quddiem, ikun jista' jigi addebitat lill-komunjoni.

In vista tan-nuqqas ta' opposizzoni da parti tal-konvenut u tal-konferma tieghu illi m'huwiex ser isofri pregudizzju jekk il-Qorti tordna il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti, il-Qorti tqis illi m'hemm ebda ostakolu sabiex it-talbiet tal-attrici jigu milqugha.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tippronunzja l-waqfien tal-komunjoni**

**tal-akkwisti ai termini tal-Artikoli 55 (1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u tordna n-notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku a spejjez tal-attrici.**

**Spejjez riservati ghall-vertenza finali.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**